**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 t'April 2025**

Rikors Numru: 274/24 AL

AB

vs

CD

(M.R. Numru 1334/1997)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi l-partijiet iżżewgu fit-tlieta (3) t'Awwissu elf, disa' mija u sebgħa u disghin (1997) skond iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bhala DOK A;

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldu ebda tfal;

3. Illi l-partijiet illum huma legalment separati b'sentenza mogħtija mill-Qorti Čivili (Sezzjoni tal-Familja) datata għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-

sitta u għoxrin (26) ta' Novembru elfejn u għoxrin (2020), liema sentenzi jġibu n-numru mija u tlieta u sebghin tas-sena elfejn u sittax (173/2016), vera kopja tas-sentenza tas-separazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza hawn annesa u mmarkata bħala DOK B u kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell hawn annesa u mmarkata bħala DOK C;

4. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra illi ilhom snin mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi m'hemmx kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbu lil dina l-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja il-hall taż-żwieġ bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imholli għal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta li ġiet ikkonfermata bil-ġurament mill-intimat li permezz taghha jesponi :-

1. Illi huwa jikkonferma illi l-partijiet ilhom legalment separati b'sentenza mogħtija mil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) sa mil-għaxra (10) t'Ottubru elfejn u dsatax (2019) u dan hekk kif ikkonfermat ukoll mil-Qorti tal-Appell nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru elfejn u għoxrin (2020);

2. Illi huwa jikkonferma li m'hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonċiljazzjoni fil-futur;

3. Illi huwa jaqbel illi bejn il-partijiet m'hemm l-ebda obbligi għal ħlas ta' manteniment;

4. Illi in sostenn ta' dan, l-esponent qiegħed jannetti l-affidavit tiegħu dwar daqshekk (Dok. JA)

5. Illi għaldaqstant, jaqbel li jeżistu li l-kundizzjonijiet maħsuba fl-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ma jopponix għat-talba hekk kif dedotta fir-rikors promotur salv għal kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti tista' tipprovdi għalih.

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirreleva li ma għandhux però jbati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri peress illi t-talba odjerna ġiet promossa mir-rikorrenti u għandha tiġi mħallsa minnha.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Gunju 2024;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Novembru 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.